DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1491

tat-12 ta' Ottubru 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-lista ta' arbitri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE ([2]) u qiegħed jiġi applikat b'mod provviżorju mit-3 ta' Settembru 2016.

(2) F'konformità mal-Artikolu 64(1) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE għandu jfassal lista ta' persuni li huma disposti u kapaċi jkunu arbitri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-lista ta' arbitri").

(3) Il-Kumitat tal-FSE, fil-laqgħa annwali tiegħu li jmiss, se jkun meħtieġ jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-lista ta' arbitri f'konformità mal-Artikolu 64(1) tal-Ftehim.

(4) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat tal-FSE, sa fejn id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-lista ta' arbitri tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

(5) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni ta' dan tal-aħħar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE dwar l-adozzjoni tal-lista ta' persuni disposti u kapaċi jkunu arbitri ([3]).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 59, 3.3.2009, p. 3.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/156/KE tal-21 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Côte d'Ivoire, fuq naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 59, 3.3.2009, p. 1).
([3]) Ara d-dokument ST 10614/20 hawnhekk: http://register.consilium.europa.eu